KUNSILL LOKALI **SAN PAWL IL-BAĦAR** LOCAL COUNCIL

**MINUTI - LAQGĦA TAL-KUNSILL IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 31 – IL-ĦAMIS 6 T'APRIL 2017**

**Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar mis-18:30 sad-20:56.**

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti:** | **Graziella Galea** | **Sindku** |
| | **David Thake** | **Kunsillier (18:43)** |
| | **Alfred Grima** | **Kunsillier** |
| | **Raymond Tabone** | **Kunsillier** |
| | **Paul Bugeja** | **Kunsillier (sat-20:56)** |
| | **Anne Fenech** | **Kunsillier** |
| | **Joseph Vella** | **Kunsillier** |
| | **Antoinette Bezzina** | **Kunsillier** |
| | **Stephen Cremona** | **Kunsillier** |
| | **Robert Piscopo** | **Kunsillier (18:58 sa 20:24)** |
| | **Daniel Grima** | **Kunsillier (sas-19:31)** |
| | **Malcolm Agius** | **Segretarju Eżekuttiv** |
| **Assenti:** | **Mandy Buhagiar** | **Kunsillier** |
| | **Matthew John Barbara** | **Kunsillier** |

***Il-laqgħa kienet qed tiġi trasmessa dirett.***

**1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

**1.1 Ġew imressqa l-minuti ta' Laqgħat numru 29 u 30 għall-approvazzjoni.**

**1.2 Minuti 29 ġew approvati hekk kif ippreżentati.**

**1.3 Il-kunsillier A. Grima propona li qabel is-sentenza 'l-kunsillier Grima ssekonda' jiżdied dan il-kliem: Il-kunsillier Piscopo staqsa jekk l-oġġezzjoni hux ser tkun dwar il-pjanti jew inkella ġenerali. Hawn ġie ċċarat li l-vot ser ikun oġġezjoni ġenerali.**

1.4 Minuti 30 ġew approvatihekk kif emendati.

## 2. PUNTI MILL-MINUTI

2.1. Wasal il-Viċi Sindku fis-18:43

2.2. Dwar punt 4.1 ta' Laqgħa numru 29, is-Sindku tat dettalji dwar l-attivita'. Il-kunsillier Bugeja staqsa dwar kemm hu l-budget u x'inhu l-programm marbut ma' l-attivita' Wignacourt Tower Festival. Is-Sindku wieġbet li l-programm għadu qed jiġi mfassal. Il-kusillier Tabone ssuġġerixxa li l-banda tal-lokal tiġi nkluża f'dan il-programm. Is-Sindku wieġbet li l-banda fil-fatt hija parti mill-programm li qed jiġi mfassal.

2.3. Dwar punt 4.8 is-Sindku qalet li kien hemm laqgħa urġenti u anke ġiet organizzata laqgħa pubblika dwar l-applikazzjoni għal tunnel fil-viċinanzi tas-San Antonio Hotel.

## 3. KOKMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1. Is-Sindku qalet li ddaħlet l-applikazzjoni għal fondi relatati ma miżura 4.3 ta' l-Unjoni Ewropea li tinkludi toroq li fihom hemm aċċess għall-bdiewa. Irringrazzjat lill-Kunsillier Stephen Cremona tal-kontribut li ta sabiex titlesta din l-applikazzjoni.

3.2. Is-Sindku nfurmat li l-kunsill irċieva l-allokazjoni finanzjarja għal Burmarrad. Il-kunsillier A. Grima staqsa kif ser jintefqu dawn il-flus. Is-Sindku spjegat li din hija pġarti mill-allokazzjoni totali tal-Kunsill.

3.3. Is-Sindku spjegat li fil-lokalita' għad hemm toroq li huma bla dawl u pproponiet li jiġi nstallat id-dawl fihom. Dawn it-toroq huma Triq Ġdida fi Triq Annetto Caruana (wara l-knisja tal-Qawra), parti minn Triq Jean de la Cassiere, u Triq ix-Xagħra tal-Bandieri. Is-Sindku qalet li waqt laqgħa li saret mal-inġiniera ġie spjegat li mhux permess li jgħaddu l-cables minn arblu għal ieħor minn fuq u għalhekk irid isir xogħol ta' trinek kullimkien jekk ma hemmx service culverts. Kien hemm qbil li d-dwal f'dawn it-toroq għandu jsir mill-Kunsill Lokali.

3.4. Korrispondenza mingħand il-Kumitat tal-Festa ta' Burmarrad li qed jitlob l-għajnuna għal Festa Familja li ser tiġi organizzata s-Sibt 17 ta' Ġunju. Kien hemm qbil li jingħataw sa massimu ta' €500 bil-kundizzjoni li l-kunsill ikollu stima u rċevuta mingħand is-supplier.

3.5. Il-Kumitat organizzattiv tal-Mixja ta' Puttinu li ssir bejn il-Ħamis u l-Ġimgħa tal-Ġimgħa l-Kbira qed jitolbu l-għajnuna tal-Kunsill

Lokali għall-kiri ta' sitt mobile toilets li l-ispiża tagħhom tammonta għal €126.85. Kien hemm qbil dwar dan.

3.6. Wasal il-kunsillier Piscopo fis-18:58

3.7. Korrispondenza mingħand il-Kumitat tal-Festa ta' San Pawl il-Baħar għal għajnuna fix-xiri ta' trophies għal attivita' ta' treasure hunt bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali li jammontaw għal €250. Il-Kunsillier Piscopo ma qabilx li tingħata din l-għajnuna. Għalhekk, minħabba li ma kienx hemm qbil unanimu il-Kunsill ma jistax jgħin fix-xiri ta' dawn it-trophies.

3.8. Is-Sindku preżentat korrispondenza mingħand ADI Associates dwar applikazzjoni ta' fuel station ġdida fejn qed tintalab laqgħa mal-kunsill wara t-3 t'April biex jippreżenta r-riżultati ta' EIA li saru fir-rigward ta' l-istess applikazzjoni.

3.9. Ġiet preżentata korrispondenza mingħand l-ERA dwar PA 02115/16 (EA 00008/16) Construction of a service station, a class 4a office and a class 4b retail outlet dwar l-EPS tal-istess applikazzjoni.

3.10. Ġiet preżentata korrispondenza mingħand l-ERA dwar GF00250/07 : Proposal of a new aquaculture zone in the North of Malta dwar il-PDS u l-EIS tal-istess applikazzjoni.

3.11. Korrispondenza minn ERA dwar konsultazzjoni pubblika tal-Marine Natura 2000 Network bi stedina għal laqgħa ta' informazzjoni. Il-kunsill esprima l-interess li jattendi.

3.12. PA 1892/17 – il-Kunsill għandu sat-12 ta' Mejju biex joġġezjona jew iressaq il-kummenti tiegħu. Il-Kunsill talab laqgħa dwar din l-applikazzjoni.

3.13. PA 907/17 – l/o Bidnija. Il-kunsill għamel General objection biex jkun reġistrat u talab laqgħa dwar din l-applikazzjoni.

3.14. Dwar PA 1491/17 saret laqgħa t-Tnejn 3 t'April. Kien hawn attendenza tajba u l-maġġoranza ta' dawk preżenti kienu kontra dak li kien qed jiġi propost. Is-Sindku spjegat li l-Kunsill mhux kontra li jsir proġett iżda ma jaqbilx mal-proġett kif propost. Fil-laqgħa stess kien hemm qbil li l-kunsill jagħmel oġġezzjoni ġenerali u li jsir brief dwar dan il-proġett. . Il-Kunsill qabel ma' dan.

3.15. Is-Sindku tkellmet ukoll dwar il-blat li qed jaqa' ħdejn Thalassalejn. Qalet li ż-żona ġiet imdawwra bil-barriers u ser isir ix-xogħol fil-jiem li ġejjin. Irringrazzjat lid-Dipartiment tax-Xogħoljiet, lill-Protezzjoni Ċivili u lill-Pulizija. Il-kunsill intalab jieħu ħsieb traffic management.

3.16. Il-Kunsillier D. Grima talab li jiġi skużat fis-19:31

3.17. Is-Sindku għamlet referenza għal każ 15/2017 li dwaru waslet korrispondenza mid-DLG u qrat il-korrispondenza relatata. Is-Sindku nnutat li fil-fatt dan jikkonferma li il-mozzjoni ma setghetx titressaq kif proposta mill-kunsillier A. Grima, u kien għalhekk li ntalbet direzzjoni mid-Dipartiment.

3.18. Il-kunsillier A. Grima qal li aċċetta l-konklużjonijiet tad-Dipartiment iżda jgħid li ma jaqbilx magħhom. Jgħid li lanqas ma jaqbel li kellhom jgħaddu 3 xhur biex nirċievu tweġiba.

3.19. Kien f'dan il-ħin li nbdiet diskussjoni dwar il-KAB. Il-kunsillier Robert Piscopo ddikjara kunflitt ta' interess. Is-Sindku qalet li qegħdin out of order. Twaqqfet id-diskussjoni dwar il-KAB għax din hija biss korrispondenza mid-Dipartiment.

3.20. Il-kunsillier Bezzina qalet li fis-17 t'April ser issir ħarġa ta' ġurnata għal Gaħwdex u li din diġa hija fully booked. Is-Sindku rringrazzjat lill-kunsillier Bezzina għall-kontribut siewi tagħha sabiex isiru dawn il-ħarġiet.

3.21. Is-Sindku qrat korrispondenza dwar il-Bumping Cars fiż-żona ta' Buġibba u ppreżentat id-dokumenti relatati.

3.22. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li l-applikant ġie jispega li għandu bżonn no objection biex ikun jista' jħallas lill-Lands kif sar matul is-snin preċedenti. Il-kunsillier Cremona semma l-possibilta' li jinstab post ieħor ħabba l-problema tal-parkeġġ. Il-kunsillier Bugeja semma l-aspett ta' sigurta' u assikurazzjoni. Is-Sindku semmiet li l-ħsejjes tal-mużika għandhom ikunu kontrollati, li fiż-żona għandha ssir manutenzjoni mis-sid u li ż-żona tinżamm fi stat tajjeb u nadif f'kull ħin, u li ssir attivita' bla ħlas għat-tfal tal-lokalita' mis-sid stess. Il-Viċi Sindku qal li dan mhux il-post ideali. Kien hemm diskussjoni dwar din it-talba.

3.23. Is-Sindku talbet li tiġi sospiża l-laqgħa biex is-sid ikun jista' jispjega t-talba tiegħu.

3.24. Ladarba ma hemmx qbil dwar din it-talba din għandha titla' bħala item separata fuq l-aġenda

## 4. APPROVAZZJONI TA' SKEDA TA' PAGAMENTI U XIRI TA' OĠĠETTI

4.1. Il-kunsillier A. Grima ssuġġerixxa li fejn hemm indikat Tender li jkun skadut bħal pereżempju tal-ġbir ta' skart, dan l-ammont għandu jitniżżel bħala Direct Order. Is-Sindku spjegat li dan mhux il-każ. Il-viċi Sindku spjega li jifhem is-sitwazzjoni kemm tal-kunsillier A. Grima kif ukoll tas-Sindku.

4.2. Il-Kunsillier A. Grima talab li l-kunsill imur għal vot dwar l-approvazzjoni ta' l-iskeda tal-pagamenti.

4.3. L-iskeda ta' pagamenti ġiet approvata b'sitt (6) voti favur u tliet (3) voti kontra.

## 5. APPROVAZZJONI TA' RAPPORT TA' EVALWAZZJONI

5.1. Is-Sindku tablet li tinbidel l-ordni tal-laqgħa biex jiġl approvat rapport ta' evalwazzjoni dwar it-tender ta' Embellishment fi Triq il-Luzzu. Il-kunsill irrisolva ruħu f'kumitat biex jiddiskuti.

5.2. Il-kunsillier Piscopo talab li jiġi skużat fit-20:24.

5.3. Il-laqgħa kompliet fit-20:25 u r-rapport ta' evalwazzjoni ġie approvat b'mod unanimu.

## 6. APPROVAZZJONI TA' L-ESTIMI FINANZJARJI 2017

6.1 Il-laqgħa ġiet sospiża fit-20:26 biex l-accountant setgħet tispjega u twieġeb mistoqsijiet dwar l-estimi finanzjarji.

6.2 Il-kunsillier Bugeja qam minn mal-mejda fid-20:56, u peress li ma kienx hemm aktar kworum, il-laqgħa ma setgħetx tkompli.

## 7. TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS

7.1 Il-laqgħa ntemmet fid-20:56.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| **Graziella Galea**<br>**Sindku** | **Malcolm Agius**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |